Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/0162(NLE)

11.3.2026

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera
(COM(2025)0309 – C10-0000/2026 – 2025/0162(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Christophe Grudler

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera
(COM(2025)0309 – C10-0000/2026 – 2025/0162(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2025)0309),

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli li jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni parlamentari,

– wara li kkunsidra l-abbozz tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u mill-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli dwar il-pakkett bilaterali wiesa' u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera,

– wara li kkunsidra l-abbozz tad-dikjarazzjonijiet konġunti li jakkumpanjaw il-ftehimiet u l-protokolli,

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(i), l-Artikolu 218(7), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0000/2025),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva[1] tiegħu bit-titolu Rapport interim dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera 2025/0162R(NLE)),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

[1] Testi adottati ta' dik id-data, P10_TA(0000)0000.

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, u tal-Kumitat għas-Saħħa Pubblika,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-pakkett wiesa' ta' ftehimiet;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
EconomieSuisse
BusinessEurope
European Trade Union Confederation
Swiss Trade Union
UNIA
EDF
Axpo
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Missjoni tal-Iżvizzera għall-Unjoni Ewropea fi Brussell
Dipartiment Federali tal-Affarijiet Barranin (Konfederazzjoni Żvizzera)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).